**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrent:

  — id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/212 tas-17 ta’ Frar 2020 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja;

  — ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/211 tas-17 ta’ Frar 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja;

— tikkundanna lill-Kunsill iħallas is-somma ta’ EUR 500 000,00 (ħames mitt elf) bħala danni b’kumpens għad-danni kollha sostnuti;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba’ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u ta’ smigħ xieraq, ibbażati fuq l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif ukoll fuq ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rikorrent iqis li huwa kellu jinstema’ qabel ma l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta l-miżuri restrittivi kontra tiegħu u li konsegwentement id-drittijiet tad-difiża tiegħu ma ġewx irrispettati.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE). Ir-rikorrent jikkritika lill-Kunsill li għamel biss kunsiderazzjonijiet vagi u ġenerali mingħajr ma semma, b’mod speċifiku u konkret, ir-raġunijiet li għalihom huwa qies, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali ta’ evalwazzjoni tiegħu, li r-rikorrent kellu jiġi ssuġġettat għall-miżuri restrittivi inkwistjoni. Ebda element konkret u oġġettiv li bih jista’ jiġi kkritikat ir-rikorrent u li jista’ jiġġustifika l-miżuri inkwistjoni ma ġie invokat u l-motivazzjoni tal-Kunsill ma tipprovdi ebda indikazzjoni suffiċjenti għar-rikorrent u hija tal-inqas vaga, ġenerali u imprecċiża.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq żball manifest ta’ evalwazzjoni. Ir-rikorrent jikkritika lill-Kunsill li kkonstata fil-motivazzjoni tiegħu, insostenn tal-miżura restrittiva, elementi li huma manifestament nieqsa minn bażi fattwali, billi l-fatti invokati huma fil-fehma tiegħu nieqsa minn kull bażi serja.

4. Ir-raba’ motiv, relatat mat-talba għad-danni bħala kumpens għad-danni sostnuti u bbażat fuq l-imputazzjoni kontra r-rikorrent ta’ ċerti fatti gravi, li jesponu lilu personalment u kif ukoll lill-familja tiegħu għal perikli u juru l-kobor tad-dannu sostnut, tiġġustifika t-talba tiegħu għad-danni. Barra minn hekk, ir-rikorrent isostni li l-attivitajiet ekonomiċi tiegħu huma ppreġudikati b’mod gravi u għal żmien twil.

**Rikors ippreżentat fis-16 ta’ April 2020 – JL vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-220/20)**

(2020/C 201/64)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* JL (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea (AIPN) tal-11 ta' Lulju 2019 li fiha twissija lir-rikorrent;

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea (AIPN) tas-27 ta' Marzu 2017 li jerġa' jinfetaħ il-każ [*kunfidenzjali*] ([1]);

— tagħti lir-rikorrent kumpens totali ta' EUR 30 000 għal danni morali speċjali, li għandhom jitħallsu mill-Kummissjoni Ewropea;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż, skont l-Artikolu 134 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 266 TFUE, jiġifieri miżuri mhux xierqa għall-eżekuzzjoni tas-sentenza ta' annullament mogħtija mill-Qorti Ġenerali, u fuq ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 266 TFUE, fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba li jinkludi l-obbligu ta' trattament imparzjali u ġust tal-kawżi, fuq ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza u fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 266 TFUE, fuq ksur tar-regoli tal-proċedura applikabbli għall-investigazzjonijiet amministrattivi u għall-proċeduri dixxiplinari u fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq talba għal kumpens speċjali minħabba l-irregolaritajiet imsemmija iktar 'il fuq.

---

([1]) Data kunfidenzjali moħbija.

---

## Rikors ippreżentat fit-23 ta' April 2020 – Target Brands vs EUIPO – The a.r.t. company b&s (art class)

## (Kawża T-221/20)

(2020/C 201/65)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Target Brands Inc. (Minneapolis, Minnesota, l-Istati Uniti) (rappreżentant: A. Norris, Barrister)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* The a.r.t. company b&s, SA (Quel, Spanja)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża*: ir-rikorrenti il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea art class – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 888 737

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Frar 2020 fil-Każ R 1596/2019-5